# Għodda edukattiva

## Dokument komuni 10 – 14 u 15 – 18 (**maħsuba għall-edukaturi)**

**TEMA ĠENERALI:**
**"L-ANNIVERSARJU TAL-*KONVENZJONI TAD-DRITTIJIET TAT-TFAL*" -**
**PINĠILI DRITT...**

## 1 - Linji gwida ġenerali

It-tema proposta tistieden lit-tfal u liż-żgħażagħ biex isiru personalment konxji dwar il-kwistjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u jifhmu l-importanza li tagħtiha l-Unjoni Ewropea u l-Komunità internazzjonali. Tistidinhom ukoll biex jirriflettu dwar ir-rwol li kull wieħed jista' u għandu jkollu sabiex dawn id-drittijiet jiġu rrispettati.

Din il-kompetizzjoni tikkontribwixxi għall-**edukazzjoni għaċ-ċittadinanza Ewropea** permezz tal-iskoperta tar-rwol tal-istituzzjonijiet Ewropej fil-ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali u tad-drittijiet tat-Tfal.

## 2 - Is-sitwazzjoni tal-problema komuni għaż-żewġ gruppi ta' età

**2, 1 - Il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal għandha 20 sena:**

**2, 1, 1- Anniversarju li jimpenjana**

Il-"*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal*", adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1989, għandha għoxrin sena. Il-**Konvenzjoni hija trattat internazzjonali**. Din ġiet irratifikata kważi b'mod unanimu mill-Istati Membri tan-NU[1], u turi l-għarfien tal-Komunità internazzjonali dwar il-ħtieġa li tassigura protezzjoni partikolari għat-tfal.

Il-fatt li dan l-anniversarju jiġi ċċelebrat flimkien mat-tfal, jikkonferma li din tikkonċernahom u li huma lesti li **jimpenjaw** irwieħhom**,** flimkien mal-adulti, sabiex id-drittijiet stabbiliti f'din il-Konvenzjoni jiġu applikati b'mod konkret għat-tfal kollha tad-Dinja.

**2, 2- Il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tagħmel parti mill-kuntest ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Il-"*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal*" ma tħabbarx Drittijiet ġodda li jikkonċernaw b'mod partikolari lit-tfal. It-tfal huma bnedmin. Iżda t-tfal jeħtieġu **protezzjoni partikolari** sabiex dawn id-Drittijiet rikonoxxuti minn kulħadd, ikunu tassew assigurati għalihom. Il-Konvenzjoni tispeċifikahom u l-Istati li jirratifikawha jimpenjaw irwieħhom li jiggarantuhom fl-azzjonijiet kollha tagħhom.

**2,3 - Id-Drittijiet tal-Bniedem**

**2, 3, 1- Il-bniedem għandu Drittijiet u għandu jirrispetta d-Drittijiet ta' ħaddieħor**

Matul l-Istorja, kien hemm nies li ddikjaraw li, indipendentement mill-oriġini, mill-kundizzjoni soċjali jew mill-isfond tiegħu, kull bniedem għandu drittijiet li ma jistgħux jiġu miċħuda mingħajr ma tiġi mittiefsa l-essenza proprja tiegħu bħala bniedem.[2]

---

[1] Żewġ pajjiżi biss, l-Istati Uniti tal-Amerika u s-Somalja, ma rratifikawhiex, iżda madankollu xorta waħda ffirmaw il-Konvenzjoni. Wieħed jista' jsib l-istatus tar-ratifiki u r-riżervi magħmula mill-Istati fuq is-sit :(Bil-Franċiż http://treaties.un.org/Pages/ViewDetails.aspx?src=TREATY&mtdsg_no=IV-11&chapter=4&lang=fr u bl-Ingliż http://treaties.un.org/Pages/ViewDetails.aspx?src=TREATY&mtdsg_no=IV-11&chapter=4&lang=en&clang=_en)

[2] Wieħed għandu jsib siltiet partikolarment ċari fil-ktieb ta' Jeanne HERSCH, "*Le droit d'être un homme*" (*Id-dritt li tkun bniedem*), J.C.Lattès/UNESCO, Pariġi, 1968

Dawn id-drittijiet jirrappreżentaw il-**limiti** li l-filosofi jew il-profeti jiffissaw **għall-azzjoni tal-Istat.** Huma wkoll **ħtieġa morali għal kull individwu**, garanti tad-**drittijiet ta' ħaddieħor**.

Ir-rivoluzzjoni industrijali u l-konsegwenzi tagħha enfasizzaw li l-implimentazzjoni konkreta tad-*Drittijiet tal-Bniedem* kienet teħtieġ ċertu numru ta' prerekwiżiti. It-termini "*Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u kulturali"* jintużaw biex jirreferu għal dawn id-drittijiet ġodda.

### 2, 3, 2 - Dawn id-Drittijiet huma ddikjarati

Kien hemm diversi "*Dikjarazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem*" suċċessivi[3]. Permezz tad-***Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem***[4,] li ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1948, l-Istati "*impenjaw rwieħhom sabiex jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, il-ħarsien universali u effettiv tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali"* [5].

Id-dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem toħloq ħtieġa morali għal kull individwu, li huwa garanti tad-drittijiet ta' ħaddieħor, iżda wkoll għall-Istati : għadhom mhumiex obbligu legali.

### 2, 3, 3 - Dawn id-Drittijiet huma universali, mhux trasferibbli, indiviżibbli u ma jistgħux jiġu preskritti

Id-Drittijiet tal-Bniedem huma **universali**. Il-kulturi kollha u ċ-ċivilizzazzjonijiet kollha għandhom bażi komuni ta' prinċipji stabbiliti mid-diversi Dikjarazzjonijiet.

Id-Drittijiet tal-Bniedem **mhumhiex trasferibbli**: ma jistgħux jiġu miċħuda, mibdula jew irrifjutati.

Huma **indiviżibbli**: huma kollha importanti u mhux possibbli li wieħed jagħżel liema minnhom sejrin ikunu rrispettati.

M**a jistgħux jiġu preskritti**: ma jistgħux jiġu sospiżi temporanjament ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali ħafna.

## 2, 4 - L-Ewropa u d-Drittijiet tal-Bniedem

Il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa prinċipju fundamentali tal-proġett Ewropew.

### 2, 4, 1 - Fil-Kunsill tal-Ewropa

Il-***Konvenzjoni dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali***[6] adotatta mill-Kunsill tal-Ewropa fl-1950 u l-***Karta soċjali Ewropea riveduta***[7] tal-1996, attwalment huma t-testi l-aktar kompluti u l-aktar omoġenji f'dak li jirrigwarda d-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem hija **trattat internazzjonali** li joħloq obbligi għall-Istati li rratifikawh. Il-***Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*** ta' Strasburgu tassigura l-ħarsien tad-dispożizzjonijiet tagħha. Kull persuna fiżika jew ġuridika li taħseb li d-drittijiet tagħha nkisru minn xi wieħed mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, tista' tirreferi l-każ quddiem il-Qorti wara li tkun użat kull rimedju disponibbli għaliha f'pajjiżha.

### 2,4, 2 - L-azzjoni speċifika tal-Unjoni Ewropea

Il-**Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea**[8], li ġiet ipproklamata fis-sena 2000 u mbagħad fl-2007, tiġbor f'test wieħed qasir, l-essenzjal tat-testi Ewropej preċedenti. Ir-ratifika (li

[3] Id-***Dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Istati Uniti tal-Amerika*** tal-4 ta' Lulju 1776 segwita mid-***Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin*** tas-26 ta' Awwissu 1789, fi Franza, huma l-eqdem dikjarazzjonijiet.
[4] http://www.unhchr.ch/udhr/navigate/alpha.htm
[5] Preambolu għad-Dikjarazzjoni Univerali tad-Drittijiet tal-Bniedem.
[6] http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?NT=005&CM=8&DF=7/8/2008&CL=ENG (bl-Ingliż) http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?NT=005&CM=8&DF=7/8/2008&CL=FRE (bil-Franċiż)
[7] http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?NT=163&CM=1&DF=6/13/2008&CL=FRE (bil-Franċiż) http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?NT=163&CM=1&DF=6/13/2008&CL=ENG (bl-Ingliż)

tinsab għaddejja bħalissa) tat-**Trattat ta' Liżbona** li għalih hija annessa, għandu jagħtiha saħħa li torbot. **L-Aġenzija tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea**[9] li nħolqot fl-2007 fi Vjenna tipprovdi għajnuna u ħila esperta rigward id-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri, meta dawn jimplimentaw id-dritt Komunitarju.

**2 ,5 - Għalfejn drittijiet speċifiċi għat-tfal?**

L-idea li d-drittijiet ta' dawk l-aktar fraġli jeħtieġu protezzjoni partikolari nibtet tard. Kien biss fis-seklu Għoxrin li l-komunità internazzjonali bdiet timpenja ruħha serjament f'dan ir-rigward.

**2, 5, 1 - L-istorja fil-qosor tal-bidu tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal**

- **Dikjarazzjonijiet "ta' intenzjoni"…**

Fl-1948, id-**Dikjarazzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem** uriet ir-rieda li ġiu rikonoxxuti u mħarsa d-Drittijiet tat-Tfal. Hija tenfasizza, fil-fatt, li *"il-maternità u t-tfulija għandhom dritt għal għajnuna u assistenza speċjali "* u tirrikonoxxi li l-familja hija *"l-element naturali u fundamentali tas-soċjetà "*.

Fl-1959, in-Nazzjonijiet Uniti adottaw **Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal,** test qasir li jiddikjara : *"l-irġiel u n-nisa ta' kull pajjiż, waqt li jikkunsidraw li l-umanità għandha tagħti lit-tfal l-aħjar li għandha x'toffri, jiddikjaraw li għandhom dmir li jissodisfaw dan l-obbligu f'kull aspett...."*

- **…Imbagħad Konvenzjoni li torbot lill-firmatarji**

Fl-aħħar nett, fl-1989, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-***Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal***[10]. Din saret torbot legalment lill-Istati fit-2 ta' Settembru 1990. Din tiddefinixxi n-normi universali, rikonoxxuti b'mod internazzjonali, li joħolqu dritt proprju għat-tfulija. Filwaqt li ttenni mill-ġdid id-drittijiet iddefiniti fid-***Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem***, hija ssaħħaħhom u tispeċifika l-applikazzjoni speċifika tagħhom għat-tfal.

Il-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal* tistabbilixxi firxa sħiħa ta' drittijiet, ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi u soċjali, skont tliet kriterji: protezzjoni, prestazzjoni, parteċipazzjoni. Hija **trattat internazzjonali. Illum huwa strument li jorbot legalment u li jikkonċerna lit-tfal kollha[11].**

**Il-Kumitat tad-drittijiet tat-tfal**, li ġie stabbilit mill-Artikolu 43 tal-Konvenzjoni, ilu jiltaqa' f'Ġinevra sa mill-1991. Dan huwa kompost minn esperti indipendenti, u jissorvelja l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Istati kollha. L-Istati kollha li rratifikaw il-Konvenzjoni għandhom jippreżentawlu rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Mill-ewwel sessjoni tiegħu, fl-1991, il-Kumitat adotta direttivi sabiex jiggwida lill-Istati fil-preżentazzjoni u t-tfassil tar-rapport tagħhom. Ir-rapport għandu jindika d-diffikultajiet li jħabbat wiċċu magħhom l-Istat fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kumitat jitlob lill-Istati l-prijoritajiet u l-objettivi tagħhom għall-ġejjieni. Huwa jistieden lill-Istat jehmżu mar-rapport il-liġijiet u l-istatistiċi tagħhom. [12]

Fl-Ewropa, in-"***Netwerk Ewropew ta' Medjaturi għat-Tfal***" (*European **N**etwork of **O**mbudsmen for **C**hildren*[13]) li nħoloq fl-1997, jiġbor flimkien lill-uffiċċji indipendenti li ġew stabbiliti fil-pajjiżi Ewropej biex jippromwovu d-drittijiet tat-tfal. Il-kooperazzjoni tagħhom tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' strateġiji u tippermetti li tiġi ssorveljata l-applikazzjoni tal-***Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.***

---

[8] http://www.europarl.europa.eu/charter/default_fr.htm (Fil-lingwi kollha tal-Unjoni)
[9] http://europa.eu/agencies/community_agencies/fra/index_mt.htm
[10] http://www.unhchr.ch/french/html/menu3/b/k2crc_fr.htm Cf. page1 il-link jippermetti li ssegwi r-ratifiki tal-konvenzjoni u tal-protokolli addizzjonali tagħha.
[11] Il- "***Konvenzjoni dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali***" għandha l-istess setgħa legali iżda tapplika biss għall-pajjiżi Ewropej membri tal-Kunsill tal-Ewropa.
[12] Aktar tagħrif fuq is-sit http://www2.ohchr.org/french/bodies/crc/ (bl-Ingliż, bl-Ispanjol u bil-Franċiż).
[13] http://crin.org/enoc/index.asp

### 2, 5, 2 - Il-Konvenzjoni : preżentazzjoni u analiżi[14]

Il-Konvenzjoni fiha 54 Artikolu u 2 Protokolli addizzjonali fakultattivi. Hija tistabbilixxi d-drittijiet fundamentali tat-tfal kollha tad-dinja.

- **Il-Konvenzjoni tispeċifika l-miżuri ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet tagħha**

- **Tagħti definizzjoni ta' tfal.**

L-Artikolu 1 jiddefinixxi lit-tfal b'dan il-mod : *"kull bniedem li għandu inqas minn 18-il sena, ħlief jekk l-età legali tintlaħaq qabel skont il-liġi li tapplika għalih"*. **"Tifel suldat", tifel refuġjat, tifel sfruttat, abbużat, iddeportat irrispettivament mill-kontinent jew mill-isfond kulturali ta' madwaru, huwa u jibqa' tifel sa 18-il sena, għall -finijiet tal-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal* u jibbenefika minn protezzjoni speċifika.**

- **Tistabbilixxi 3 prinċipji fundamentali**

- Id-dritt tal-ħajja, tas-sopravvivenza u tal-iżvilupp
- Il-prijorità tal-aqwa interessi tat-tfal,
- Id-dritt għall-parteċipazzjoni.

- **Tispeċifika d-Drittijiet ċivili u l-libertajiet fundamentali tat-tfal**

Hija tiddedika 3 Artikoli għad-dritt tat-tfal għal isem u identità u ttenni d-drittijiet ċivili u l-libertajiet kollha msemmija fid-dikjarazzjonijiet differenti u fil-Konvenzjonijiet internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u, biex tagħmilhom effettivi, tistabbilixxi standards minimi.

- **Tafferma l-importanza tal-familja**

Hija tafferma d-dritt tat-tfal li jgħixu fil-familja tagħhom u li jingħaqdu magħha mill-ġdid jekk ikun meħtieġ.

Hija tirrikonoxxi espressament li r-responsabbiltà tat-trobbija tat-tfal taqa' l-ewwel f'idejn il-ġenituri u tħeġġiġhom sabiex ikellmu lill-uliedhom dwar id-drittijiet tagħhom.

- **Tiddefinixxi standards minimi rigward il-benesseri u s-saħħa**

Hija tistabbilixxi d-drittijiet skont il-prinċipju tad-**Dritt għall-ħajja:** dritt għal ikel adegwat, kenn, aċċess għall-ilma, u għall-kuri meħtieġa għas-saħħa

Artikoli speċifiċi jittrattaw il-ħtiġijiet tat-tfal refuġjati, tat-tfal bi bżonnijiet speċjali u tat-tfal fi gruppi f'minoranza.

- **Tafferma d-Dritt ta' kull tifel u tifla għall-Edukazzjoni u għall-kultura**

- **Tiffoka b'mod partikolari fuq il-protezzjoni tat-tfal**

Hija tistabbilixxi b'mod ċar id-dritt ta' protezzjoni kontra kull forma ta' vjolenza, abbuż, negliġenza u sfruttament. Il-Konvenzjoni tipprevedi protezzjoni speċjali fiż-żminijiet ta' gwerra u protezzjoni kontra l-abbuż li jsir fuq it-tfal priġunieri.

Il-Konvenzjoni ttenni l-prinċipju tal-universalità, tad-Drittijiet ta' kull persuna : it-tfal kollha, hi x'inhi l-oriġini tagħhom, għandhom l-istess drittijiet.

Il-Konvenzjoni tfakkar ukoll li t-tfal għandhom id-dmir li **jirrispettaw id-drittijiet ta' ħaddieħor**, ta' tfal oħra, tal-adulti u b'mod speċjali dawk tal-ġenituri tagħhom.

---

[14] Il-koordinaturi għandhom isibu analiżi dettaljata u suġġerimenti utli fuq is-siti nazzjonali tal-UNICEF http://www.unicef.org/.

- **L-Istati huma l-garanti tal-implimentazzjoni effettiva ta’ dawn id-Drittijiet.**

**Bl-iffirmar u bir-ratifika tal-Konvenzjoni, il-gvernijiet impenjaw irwieħhom li jiddefendu u li jiggarantixxu d-drittijiet tat-tfal, u li jwieġbu għal dawn l-impenji quddiem il-komunità internazzjonali.**

**2, 6 - Attwalità u ħtieġa tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal**

**2,6, 1 - Sal-ġurnata tal-lum dawn id-Drittijiet għadhom qegħdin jinkisru** [15]

Fi ħdan l-istess pajjiżi żviluppati tagħna **hawn tfal li qegħdin ibatu mill-ġuħ**. Il-familji tagħhom jgħixu taħt il-limitu tal-faqar. Fil-livell globali, terz tat-tfal ibatu, fi gradi differenti, minn nuqqas ta’ ikel sustanzjuż matul l-ewwel ħames snin ta’ ħajjithom. [16]

F’ċerti pajjiżi **t-tfal ikunu mġiegħla jaħdmu** f’kundizzjonijiet ta’ spiss perikolużi u dan jimpedixxi jew ifixkel sew **l-edukazzjoni** tagħhom. Dan jirrigwarda 218-il miljun tifel u tifla ta’ inqas minn ħmistax-il sena.

Fil-pajjiżi fi gwerra, jistgħu **jiġu rreklutati fil-forzi militari**, jinqabdu priġunieri… In-NU tistma li llum hemm madwar 300 000 tifel u tifla suldati.

F’ċerti pajjiżi, it-tfal huma **priġunieri ordinarji**. F’xi pajjiżi t-tfal jiġu kkundannati għall-mewt.

Xi tfal, **sfruttati** mill-adulti jew minħabba l-faqar u l-ġuħ, huma obbligati li jittalbu jew li jipprostitwixxu lilhom infushom..

Xi tfal huma **abbużati**, xi kultant anki fil-familja tagħhom stess.

**2, 6, 2 - Inxerrdu l-għarfien dwar il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.**

Il-kommemorazzjoni ta’ dan l-anniversarju tippermetti li **nfakkru l-attwalità tal-Konvenzjoni,** li nfakkru li jeżistu mezzi sabiex niġġieldu kontra l-ksur tad-Drittijiet tat-tfal u l-ħtieġa **li nirrikjedu mill-Istati l-miżuri konkreti previsiti fil-Konvenzjoni.**

**2, 7- Ir-rwol tal-Unjoni Ewropea.**

L-Unjoni Ewropea assumiet ir-responsabbiltà, fl-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[17] u fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li tipproteġi lit-tfal. Id-deċiżjonijiet tagħha, li ġew trasposti fil-leġiżlazzjoni tas-27 Stat tal-Unjoni jirrappreżentaw l-aktar mezz importanti fid-dinja ta’ protezzjoni tat-tfulija[18].

***Lejn strateġija tad-Drittijiet tat-Tfal***

F’komunikazzjoni tas-26 ta’ Jannar 2005, il-president tal-Kummissjoni Ewropea waqt li kien qed jiddefinixxi l- “Objettivi strateġiċi 2005 – 2009 ” tal-Unjoni Ewropea, kiteb: “*Għandha tingħata prijorità partikolari lill-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tat-tfal, kemm kontra l-isfruttar ekonomiku kif ukoll kontra kull forma ta’ abbuż, biex b’hekk l-Unjoni Ewropea tkun mudell għall-bqija tad-dinja… ”.*

Il-Komunikazzjoni tal-4 ta’ Lulju 2006 tal-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi il-linji ewlenin ta’ strateġija komuni għall-Unjoni kollha[19].

---

[15] http://europa.eu/legislation_summaries/human_rights/fundamental_rights_within_european_union/r12555_fr.htm

[16] L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-2010 għandha tkun is-sena ddedikata għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=637 .

[17] http://europa.eu/abc/treaties/index_mt.htm

[18] Id-dispożizzjonijiet kollha li adottat l-Unjoni Ewropea fil-lingwi kollha jinbsabu f’dan l-indirizz : http://eur-lex.europa.eu/mt/dossier/dossier_30.htm

[19] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52006DC0367:MT:NOT

*"L-Unjoni Ewropea tista' twassal l-appoġġ tagħha għall-isforzi li jsiru mill-Istati Membri billi tgħinhom, f'ċerti oqsma, jikkunsidraw id-drittijiet tat-tfal fl-interventi tagħhom u billi tistabbilixxi qafas ta' tagħlim reċiproku, li jippermettilhom jagħżlu u jwettqu l-bosta prattiki tajbin li diġà jeżistu fl-UE. Approċċ bħal dan, li jistrieħ fuq azzjoni kkoordinata fuq firxa wiesgħa, jagħti aktar valur lill-isforzi tal-Istati Membri u jsaħħaħ ir -rikonoxximent u l-ħarsien tal-prinċipji ddedikati mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tad-Drittijiet tat-Tfal, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha*."

**L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha billi torganizza u tiggarantixxi l -ħarsien tad-Drittijiet ta' dawk l-aktar fraġli, b'mod speċjali t-tfal.**

**Billi jingħaqdu fil-kommemorazzjoni tal-għoxrin anniversarju tal-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, l-edukaturi, is-soċjetà Ewropea, it-tfal kollha tal-Ewropa, jimpenjaw irwieħhom lejn l-implimentazzjoni effettiva tagħha madwar l-Ewropa u fid-Dinja*.**

## 3 - Approċċ kunċettwali: l-iskoperta tad-Drittijiet tat-Tfal hija approċċ *privileġġjat* tad-Drittijiet tal-Bniedem

### 3, 1 - Immorru mill-partikolari għall-ġenerali f'approċċ progressiv ta' kunċettwalizzazzjoni

L-ispeċifiċità tal-edukazzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem timponi fuq l-edukatur approċċ li jpoġġi l-ħarsien tal-persuna fiċ-ċentru tat-tagħlim: dan jimplika rispett reċiproku u attenzjoni fir-relazzjonijiet bejn l-edukaturi, l-istudenti u l-adulti.

Din l-edukazzjoni tagħmel parti minn proċess li jibda mit-tfulija bikrija u li jkompli matul il-ħajja. Li t-tfal jifhmu l-kunċett ta' "Drittijiet tal-Bniedem" jiddependi mill-età tagħhom. Il-ġenituri u l-edukaturi għandhom jadattaw skont il-grad ta' maturità ta' kull tifel u tifla il-mistoqsijiet li jiddiskutu magħhom, it-tweġibiet li jagħmlu għal dawn il-mistoqsijiet u l-metodi li jużaw għal dan il-għan.

**Il-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni hija punt importanti**, iġġustifikata mill-opportunità ta' kommemorazzjoni internazzjonali, li tinvolvi lilil-Komunità edukattiva kollha għal żmien qasir, iżda li **tifforma parti minn proċess edukattiv kontinwu**.

### 3, 2 - Fażijiet u strateġiji ta' edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

- **Mit-tfulija bikrija, edukazzjoni li tlaqqa' lit-tfal ma' ħaddieħor, u li tgħallimhom dwar id-drittijiet ta' tfal oħra…**

Ir-rwol tal-edukazzjoni huwa li tgħin lil kull tifel u tifla **jibnu l-identità tagħhom**. Wieħed isir jaf dejjem aktar dwaru nnifsu iżda jiskopri wkoll id-differenzi. L-identità u l-aċċettazzjoni tad-differenzi jikkumplimentaw lil xulxin. L-iżvilupp tal-identità ta' kull individwu tagħmlu kapaċi jidentifika lilu nnifsu, iżda wkoll li jidentifika u **jirrikonoxxi lil ħaddieħor fid-differenzi** soċjali, etniċi, reġjonali, kulturali, sesswali, jew ta' ġenerazzjoni.

Il-bini tal-identità hija l-iskoperta ta' kull ma jgħaqqad lil persuna ma' oħra, fi u permezz tad-differenzi tiegħu. Din hija l-ewwel edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuna, l-edukazzjoni dwar **il-ħarsien ta' kull persuna,** u dwar **il-ħarsien tad-drittijiet ta' ħaddieħor**.

Għal tifel jew tifla żgħira, "l-ieħor" jista' jkun it-tifel jew it-tifla l-oħra fil-familja, fil-*kindergarten*, fl-iskola jew fit-triq. Huma jifformaw relazzjonijiet mat-tfal l-oħra : u jkollhom jitgħallmu jirrispettawhom fid-differenzi kollha tagħhom.

Minn din l-età, ukoll, il-logħob u t-tagħlim dwar il-ħtieġa li nirrispettaw ir-regoli komuni jħejju lit-tfal sabiex jiskopru l-liġi.

- **Minn 10 snin 'il fuq, l-iskoperta tad-Drittijiet**

L-approċċ tad-Drittijiet tal-Bniedem jagħmel parti mill-preadolexxenza fl-iskoperta tad- "djalogu interkulturali" li huwa meħtieġ f'għadd kbir ta' skejjel fil-pajjiżi tagħna tal-Ewropa.[20]

Minn ħdax-il sena 'l fuq, ikun meħtieġ li nikkunsidraw l-iskoperta tat-testi li jirregolaw il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-passaġġ mill-istudju tal-*Konvenzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet tat-Tfal* jippermetti li jiġu ppreżentati sitwazzjonijiet konkreti simili għat-tħassib u l-għarfien tat-tfal u għalhekk li jassimilaw l-għarfien li għandhom jakkwistaw.[21]

**Huwa essenzjali li t-tfal jifhmu li d-Drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni huma Drittijiet universali, li japplikaw għat-tfal kollha, irrispettivament mil-lingwa, mill-kultura jew mir-reliġjon ta' dawk it-tfal l-oħra, u li kulħadd għandu d-dmir li jirrispettahom.**

- **Wara 15-il sena, insiru nafu u nifhmu l-prinċipji u l-mekkaniżmi legali ta' protezzjoni tad-Drittijiet ta' kull persuna.**

Iż-żgħażagħ għandhom jifhmu l-prinċipji ta' li d-Drittijiet tal-Bniedem huma **universali, ma jistgħux jiġu miksura, huma indiviżivvli** u **ma jistgħux jiġu preskritti**.

Għandhom jifhmu **li dawn jisbqu kull kultura** u kull opinjoni filosofika u reliġjuża. **Id-Drittijiet tat-Tfal huma universali bħad-Drittijiet tal-Bniedem: huma l-marka tal-umanità komuni tagħna**.

Iż-żgħażagħ jistgħu u għandhom jifhmu d-**differenza** bejn **Dikjarazzjoni**, li hija l-formulazzjoni ta' prinċipju ġenerali u **Konvenzjoni** li hija trattat li joħloq obbligi għall-Istati.[22]

Filwaqt li jiftakru li d-Drittijiet tat-Tfal, bħad-Drittijiet tal-Bniedem inġenerali huma qabel kollox id-Drittijiet tal-Ieħor li kulħadd għandu d-dmir li jirrispetta, huma jifhmu wkoll li huwa r-rwol tal-Istati li jimplimentaw b'mod konkret id-Drittijiet tal-persuni kollha li jgħixu fit-territorji tagħhom.

**3, 3 - L-Unjoni Ewropea tpoġġi d-Drittijiet tal-Bniedem fuq quddiem tat-tħassib tagħha**

Din il-kompetizzjoni għandha tkun l-okkażjoni biex nenfasizzaw ir-rwol partikolari u l-pożizzjoni tal-Ewropa fil-promozzjoni u d-difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-Ewropa irrikonċiljat u l-Unjoni Ewropea nbniet fuq valuri li fuq quddiem nett tagħhom hemm id-Difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn id-Drittijiet mhumiex invenzjoni Ewropea : huma universali u jappartjenu għall-umanità kollha.

Iżda l-Ewropej tgħallmu l-lezzjonijiet u l-importanza tad-djalogu u tal-ħarsien tad-drittijiet ta' ħaddieħor mill-Istorja tagħhom. Huwa għalhekk li l-**Unjoni Ewropea armat ruħha b'armi legali inkomparabbli** għad-difiża tal-individwi kollha u b'mod speċjali ta' dawk l-aktar fraġli.

Fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-**Ewropa** hija **eżempju ta' implimentazzjoni,** li dejjem għandha tkun irfinuta u ċċarata**, tal-prinċipji universali.**

---

[20] Il-***White Paper fuq id-djalogu interkulturali*** tal-Kunsill tal-Ewropa tipproponi definizzjonijiet utli u strateġiji ta' implimentazzjoni
bl-Ingliż: http://www.coe.int/t/dg4/intercultural/Source/White%20Paper_final_revised_EN.pdf
bil-Franċiż: http://www.coe.int/t/dg4/intercultural/Source/White%20Paper_final_revised_FR.pdf
Eżempji ta' prattika tajba fuq is-sit tal-Kunsill tal-Ewropa fl-indirizz:
http://www.coe.int/t/dg4/intercultural/goodpractice_FR.asp.

[21] Is-sit tal-UNICEF huwa aċċessibbli fil-lingwa Għarbija http://www.unicef.org/arabic/. Jista' jkun interessanti, jekk xi wħud mit-tfal tal-grupp jew tal-klassi jitkellmu bil-lingwa Għarbija li turi l-paġna ewlenija quddiemhom kollha: it-tfal li huma kapaċi jaqraw u jifhmu l-Għarbi jiksbu aktar importanza f'għajnejn sħabhom u jkollhom aċċess aktar faċli għall-kunċett tal-Universalità tad-Drittijiet tat-Tfal u għaldaqstant tad-Drittijiet tal-Bniedem.

[22] Ara aktar 'il fuq 2, 5, 1.

# 4 - Programmi edukattivi: ġeneralitajiet

## 4, 1 - Sorsi u biblijografija

- **Links diretti għas-siti** (il-parti l-kbira f'ħafna lingwi, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor) li jispeċifikaw il-kwistjonijiet differenti u jippermettu li tniżżel id-dokumenti prinċipali **li jidhru fl-ewwel parti ta' din l-għodda** u **l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal** hija aċċessibbli fuq is-sit ta' din il-kompetizzjoni fil-lingwi kollha tal-Unjoni.
- Siti tal-Unjoni Ewropea http://europa.eu.int u tal-Kunsill tal-Ewropa http://www.coe.int.
- Il-Komunikazzjoni "**Lejn strateġija għad-drittijiet tat-tfal**"

http://europa.eu/legislation_summaries/human_rights/fundamental_rights_within_european_union/r12555_fr.htm toffri bosta opzjonijiet lill-edukaturi. L-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/children/fsj_children_intro_en.htm fih links għal verżjoni tal-Komunikazzjoni maħsuba għat-tfal "*INTI u l-UE! Biex tkun taf aktar u tagħti l-opinjoni tiegħek*: *Il-politika tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tat-Tfal*". (Tista' titniżżel f'20 lingwa tal-Unjoni Ewropea).

- Is-sit internazzjonali tal-UNICEF http://www.unicef.org/ fih links għas-siti tal-kumitati nazzjonali ewlenin tagħha u għall-organizzazzjonijiet ewlenin li jippromwovu u jħarsu d-Drittijiet tat-Tfal[23]. Fih paġni maħsuba għat-tfal u fl-indirizz li ġej http://www.unicef.org/french/crc/index_30160.html , preżentazzjoni multimidja bl-Ingliż tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.
- Il-ktieb ta' Janusz KORCZAK u ta' Jeanne HERSCH [24]. Il-ktieb tiegħu "*Id-dritt li tkun bniedem*"[25] huwa antoloġija tar-riflessjoni tal-umanità rigward id-Drittijiet tal-Bniedem

## 4, 2 - Approċċi edukattivi

- Mhuwiex possibbli fil-qafas tal-kompetizzjoni li nindirizzaw il-mistoqsijiet kollha li d-deskrizzjoni qasira ta' qabel aċċennat biss għalihom. Iż-żgħażagħ li sejrin jipparteċipaw fil-kompetizzjoni għandhom neċessarjament ikunu konxji dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jkunu jafu xi tagħrif bażiku dwar l-Istorja tal-proġett Ewropew[26].

- Minħabba l-ispeċifiċità tas-suġġett, huwa mħeġġeġ xogħol fi gruppi żgħar.
- Il-koordinatur għandu wkoll jagħmel il-kontribuzzjonijiet essenzjali tal-għarfien: billi jagħti direttament l-indirizz ta' referenza tal-Internet jew jipprovdi huwa stess l-informazzjoni.
- Gruppi żgħar ta' 4 żgħażagħ għandhom ikunu akkumpanjati minn persuna adulta ta' referenza (ġenitur, persuna responsabbli mill-assoċjazzjonijiet speċjalizzati, persuni kkwalifikati). Il-ftuħ għal persuni barra s-sistema skolari jaqa' fil-linja tar-rakkomandazzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.

---

[23] L-aktar għan-*Netwerk ta' Informazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal (CRIN)*,. http://www.crin.org/index.asp.

[24] Jeanne Hersch u Janusz KORCZAK huma żewġ persuni ewlenin fid-difiża tat-tfal li kkontribwew ferm għall-ħolqien tad-Drittijiet tat-Tfal. Jeanne Hersch (bijografija u bibljografija fil-Ġermaniż, fl-Ingliż u fil-Franċiż fuq Wikipedia http://fr.wikipedia.org/wiki/Jeanne_Hersch jew fuq http://www.aidh.org/.Janusz KORCZAK. Bijografija, bibljografija u links għal siti bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż u lingwi oħrajn fl-indirizz http://www.aidh.org/korczak/) Ix-xogħlijiet kollha huma disponibbli bil-Pollakk ("*Janusz KORCZAK DZIELA*", Istitut Badan'Edukacyjnych, Istitut Badan'Literackich PAN i Miedzynarodowe Stowarzyszenie im. Janusza Korczaka — Komitet redakcyjny: Aleksander Lewin, przewodniczacy, Hanna Kirchner i Stefan Woloszyn; Marta Ciesielska, sekretarz — Oficyna Wydawnicza Latona, Warszawa, 1992) u numru minnhom ġew tradotti fil-lingwi differenti tal-Unjoni Ewropea.

[25] Jeanne HERSCH "*Id-dritt li tkun bniedem*", J.C.Lattès/UNESCO, Pariġi, 1968.

[26] Cf. "L-approċċ kunċettwali" propost aktar 'il fuq.

- L-esperjenzi, l-għarfien li jinkisbu mill-midja (u b'mod partikolari l-Internet) u l-kapaċitajiet ta' riċerka u ta' riflessjoni taż-żgħażagħ, jingħataw preferenza.
- Il-preżentazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-logħob ta' rwoli, eċċ., sejrin jiġu użati għall-internalizzazzjoni tal-kunċetti ppreżentati.

# 5- Proposta għal programm edukattiv (10 - 14-il sena)[27]

## 5, 1 Objettivi ġenerali, kriterji ta' suċċess u kriterji ta' evalwazzjoni tal-ġurija

<u>**Objettivi Ġenerali**</u>

- Nifhmu li kull persuna għandha Drittijiet u li kulħadd għandu d-dmir li jirrispetta d-Drittijiet ta' ħaddieħor.
- Nifhmu l-ħtieġa li nispeċifikaw id-Drittijiet speċifiċi tat-Tfal.
- Niskopru li d-drittijiet tal-Bniedem huma drittijiet rikonoxxuti u "ddikjarati" mill-Istati u l-istituzzjonijiet internazzjonali u li d-Drittijiet tat-Tfal jiffurmaw parti minnhom.
- Niskopru u nifhmu l-linji ewlenin tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-konvenzjonijiet internazzjonali speċifiċi.
- Niskopru l-azzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej u b'mod partikolari tal-Unjoni Ewropea.

[27] Nirrakkomandaw lill-koordinaturi li jinfurmaw ruħhom dwar iż-żewġ programmi (10 – 14-il sena u 15 – 18-il sena).

KRITERJI TA' SUĊĊESS

L-istudenti għandhom ikunu informati, mill-bidu, mill-għalliem jew mill-koordinatur, dwar l-objettivi tal-kompetizzjoni u l-aspettattivi tal-ġurija.

| X'inhu mitlub | X'inhu meħtieġ<br>Kriterji ta' su ċċess | Dak li ser ikun osservat u evalwat f'kull produzzjoni |
|---|---|---|
| **Proġetti li għandhom isiru** | **Jirnexxi jekk…** | |
| **Poster li juri wieħed mid-Drittijiet tat-Tfal li jinsabu fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal** | a. Il-poster jissodisfa l-intenzjoni li jikkommemora l-20 anniversarju tal-Konvenzjoni<br>b. Il-poster jista' jintuża g ħal-promozzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal | a. Id-dritt deskritt jintgħaraf sew. Huwa fil-fatt imniżżel fil-Konvenzjoni.<br>b. Il-messaġġ jinqara sew. Id-dehra tal-proġett. |
| **Test ta' preżentazzjoni** | a. It-test tal-preżentazzjoni juri li l-kwistjoni tad-Drittijiet tat-Tfal hija mifhuma sew,<br>b. It-test tal-preżentazzjoni jiddeskrivi b'mod ċar il-fażijiet tal-proġett,<br>c. It-test tal-preżentazzjoni jixhed l-għarfien dwar il-Konvenzjoni.<br>d. It-test tal-preżentazzjoni jixhed l-għarfien dwar l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-dritt deskritt. | a. Id-drittijiet l-oħra jissemmew, l-impenn personali huwa perċepibbli.<br>b. Ix-xogħol sar minn tim, ir-rwol tal-adult ta' referenza huwa deskritt b'mod ċar<br>c. Referenza espli ċita għan-Numru tad-dritt deskritt spjegazzjoni tal-għażla.<br>d. It-test tal-preżentazzjoni jispjegaha b'mod ċar |

## 5, 2 - Programm

**L-ewwel sekwenza**

L-ewwel sekwenza għandha tkun iddedikata għall-iskoperta tal-kwistjoni u tad-dokumenti sorsi u għad-definizzjoni kollettiva mill-gruppi ta' 4 żgħażagħ, tal-metodoloġija li sejrin jużaw biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil- "kriterji ta' suċċess"

1. **Materjal:**

- Bord tal-karti
- Skeda ta' tweġibiet għall-Kwiżż
- Karti għan-noti,
- "*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal* " imdendla fil-klassi.
- Jekk ikun possibbli *video projector* u aċċess għall-broadband Internet

2. **Dokumenti**

Dokumenti disponibbli għall-Proġezzjoni lill-grupp kollu

- Id- *"Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem"*
- Il- *"Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal "*

Dokumenti disponibbli f'numru ta' kopji daqs kemm hemm gruppi ta' ħidma

- It-test tal-Artikoli 25 u 26 tad- *"Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem"*,
- It-test tal- *"Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal "*
- It-test tal-Artikolu 24 tal- *"Karta tad-Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*

Kull adult ta' referenza għandu jkollu kopja tat-test ta' preżentazzjoni tal-kompetizzjoni ffirmata mill-Kummissarju Ewropew u tal- "kriterji ta' suċċess"[28].

3. **Organizzazzjoni tal-grupp jew tal-klassi**

*Irranġa l-kamra fejn ser isir ix-xogħol b'mod li l-gruppi żgħar ikunu jistgħu jaraw l-iskrin meta jkunu fil-grupp sħiħ*

1. Tul: *sagħtejn*[29].
2. Żvolġiment

**Fi gruppi kbar**

**Introduzzjoni** qasira

Proġezzjoni tal-ewwel "Kwiżż". Tweġibiet individwali fuq karta.

Diskussjoni flimkien.

Proġezzjoni tal-Artikolu 1 tad- *"**Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem**"*.

Student jaqra b'leħen għoli.

Identifika u Ikteb fuq il-bord tal-karti l-kliem importanti.

Proġezzjoni tal-Artikolu 2.

Student jaqra b'leħen għoli.

---

[28] Cf. supra & 4, 4.

[29] Is-sekwenzi kollha jistgħu jsiru f'żewġ sessjonijiet ta' siegħa l-waħda.

Ħeġġiġhom jiddefinixxu l-kunċett ta' **universalità.**

Proġezzjoni tal-Artikoli 25 u 26 u tqassim lil kull grupp żgħir ta' kopja tat-test taż-żewġ Artikoli.

Niżżel fuq il-bord tal-karti l-espressjoni *"Nassiguraw għajnuna speċjali"*

<u>Fil-grupp ta' ħidma</u>

Il-grupp jikteb flimkien 3 sentenzi biex jippreżenta d-drittijiet li d-Dikjarazzjoni Universali tirrikonoxxi għat-tfal.

<u>Fil-grupp sħiħ</u>

Diskussjoni ġenerali u jinkitbu r-riżultati fuq il-bord tal-karti

Il-**Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal**,

Proġezzjoni u qari b'leħen għoli ta' **kull Artikolu** tal-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal*[30],

Diskussjoni kollettiva u jinkitbu fuq il-bord tal-karti r-rimarki ewlenin.

<u>Fil-grupp ta' ħidma</u>

L-istudenti jinnutaw, għal kull Artikolu, jekk iħossuhomx affettwati jew jekk jafux (**mingħajr ma jsemmuhom**) xi tfal jew żgħażagħ affettwati.

It-tweġibiet jiġu diskussi flimkien u mniżżla fil-minuti.

**Il-kompetizzjoni** <u>Fil-gruppi ta' ħidma</u>

Qari tat-test ta' preżentazzjoni tal-kompetizzjoni. Diskussjoni

Preżentazzjoni tal- "Kriterji ta' Suċċess".

Il-grupp jinnomina "segretarju"

**Elaborazzjoni kollettiva ta' strateġija** sabiex:

- Jintagħżel is-suġġett għat-tpinġija,
- Tinstab l-aħjar tpinġija possibbli.

Is-suġġett jintagħżel definittivament waqt it-tielet sekwenza.

Is- "segretarju" jaqra n-noti tiegħu.

Għas-sekwenza li jmiss: **ifittxu eżempji ta' sitwazzjoni fejn jinkisru id-Drittijiet tat-Tfal u jġibu magħhom id-dokumenti kollha li jsibu**.

**<u>It-tieni sekwenza</u>**

1. Tul: *sagħtejn*
2. Żvolġiment

<u>Fil-grupp ta' ħidma</u>

Qari tan-noti meħuda mis- "segretarju".

Nomina ta' segretarju ġdid.

Mill-artikli tal-istampa u d-dokumenti li nstabu, kull grupp jistabbilixxi lista ta' sitwazzjonijiet konkreti fejn dritt, ma jkunx irrispettat,

- fl-ambjent immedjat tiegħu
- fil-pajjiż

---

[30] Din l-attività tieħu ħafna ħin, iżda tippermetti fehim ġenerali akbar tat-test.

- fl-Ewropa

Kull grupp jagħżel sitwazzjoni fost dawk li semmew u jħejji:

- dramm żgħir biex jippreżentaha lill-klassi kollha jew lill-grupp,
- Test qasir, imfassal bħal stqarrija għall-istampa,.

<u>Fil-grupp sħiħ</u>

Kull grupp ta' ħidma jippreżenta, f'forma ta' *role-play*, is-sitwazzjoni li għażel u juri l- "istqarrija għall-istampa" tiegħu.

Diskussjoni ġenerali u sintesi kollettiva.

<u>Fil-grupp ta' ħidma</u>

L- "istqarrijiet għall-istampa" jiġu klassifikati skont l-Artikoli tal-Konvenzjoni.

Għas-sekwenza li jmiss it-tfal għandhom ifittxu materjal biex iwieġbu għall-mistoqsija *"X'inhi tagħmel l-Unjoni Ewropea għat-tfal?"*

Is- "segretarju" jaqra n-noti tiegħu.

**<u>It-tielet sekwenza</u>**

1. Tul: *sagħtejn.*
2. Żvolġiment

<u>Fil-grupp ta' ħidma</u>

Qari tan-noti li ttieħdu waqt is-sekwenzi ta' qabel.

Nomina ta' segretarju ġdid.

Ikklassifika skont is-suġġett u warrab it-tweġibiet tat-tfal għall-mistoqsijiet li staqsejt fl-aħħar tas-sekwenza preċedenti.

Preżentazzjoni tal-Artikolu 24 tal- "*Karta tad-Drittijiet Fundamentali ".* Qari b'leħen għoli.

Erġa' mur fuq it-test sħiħ tal- "*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal*".

Qari fis-silenzju tal-Artikoli kollha.

Identifika d-drittijiet rikonoxxuti minn dawn iż-żewġ testi u enfasizza xi kliem importanti : uri x-xebh bejn iż-żewġ testi.

<u>Fil-grupp sħiħ</u>

Diskussjoni tar-riżultati.

Ikteb ir-riżultati fuq il-bord tal-karti:

| **Kliem importanti mill- "Karta"** | **Artikoli korrispondenti tal- "Konvenzjoni"** |
|---|---|
| "protezzjoni" | Artikoli 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38 |
| "jesprimu l-opinjoni tagħhom" | Artikoli 12, 13, 14 |
| "kura", "benesseri" | Artikoli 23, 24 |
| "relazzjonijiet u kuntatti mal-ġenituri tiegħu" | Artikoli 9, 10 |
| "l-aqwa interess tat-tfal" | Artikolu 3 |

Proġezzjoni tat-tieni Kwiżż .Tweġibiet individwali fuq karta.

Diskussjoni flimkien.

Fil-grupp ta' ħidma

Qari tal- "kriterji ta' suċċess".

*"Liema dritt sejrin nispjegaw? Għaliex?"*

Ir-raba' membru tal-grupp huwa inkarigat li jieħu nota tat-tweġibiet ta' ħaddieħor.

- Sintesi u għażla ta' suġġett, (importanti tiżguraw li l-poster jista' jsir).
- Kitba kollettiva tal-argument li jispjega l-għażla (erba' linji).
- Kitba u ffurmar tal-ippjanar tal-kompiti li għandhom isiru biex jinħadem il-poster, u tqassim tal-kompiti fost il-membri tal-grupp.

**Ir-raba' sekwenza**

1. Tul: *sagħtejn*
2. Żvolġiment

Fil-grupp ta' ħidma

Qari tan-noti meħuda mill-aħħar "segretarju".

Ikompli l-ippjanar u verifika tal-kompiti li kellu kull wieħed.

Jinħadem il-poster.

Kitba tat-test ta' preżentazzjoni.

Fil-grupp sħiħ

Wirja tal-posters.

Kull grupp jippreżenta r-riżultat tal-ħidma tiegħu u jaqra t-test ta' preżentazzjoni li ħejja.

Diskussjoni ġenerali.

Fil-grupp ta' ħidma

Kull grupp jagħmel xi żidiet jew korrezzjonijiet possibbli fit-test ta' preżentazzjoni.

# 6 - **Proposta għal programm edukattiv** 15 - 18-il sena

## 6, 1 Objettivi ġenerali, kriterji ta' suċċess u kriterji ta' evalwazzjoni tal-ġurija

**OBJETTIVI ĠENERALI**

- Nifhmu li l-pilastri li fuqhom inbniet l-Ewropa huma l-Istat tad-Dritt, id-Demokrazija u l-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem
- Niftakru li d-Drittijiet tal-Bniedem huma drittijiet rikonoxxuti mill-Istati u l-istituzzjonijiet internazzjonali
- Nifhmu l-ħtieġa li niċċaraw id-Drittijiet speċifiċi tat-Tfal
- Insiru nafu l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal
- Insiru nafu l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej u b'mod partikolari tal-Unjoni Ewropea
- **Nifhmu l-importanza tal-azzjoni legali tal-Unjoni Ewropea.**
- Nikkontribwixxu għall-bini ta' ċittadinanza Ewropea attiva u responsabbli

KRITERJI TA' SUĊĊESS

L-istudenti għandhom ikunu informati, mill-bidu, mill-koordinatur, dwar l-objettivi tal-kompetizzjoni u l-aspettattivi tal-ġurija.

| **X'inhu mitlub** | **X'inhu meħtieġ**<br>Kriterji ta' su ċċess | **Dak li ser ikun osservat u evalwat f'kull produzzjoni** |
|---|---|---|
| **Proġetti li għandhom isiru** | **Jirnexxi jekk…** | |
| **Poster li juri wieħed mid-Drittijiet tat-Tfal li jinsabu fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal** | a. Il-poster jissodisfa l-intenzjoni li jikkommemora l-20 anniversarju tal-Konvenzjoni<br>b. Il-poster jista' jintuża g ħal promozzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal | a. Id-dritt deskritt jintg ħaraf sew.<br>Huwa fil-fatt imniżżel fil-Konvenzjoni.<br>b. Il-messa ġġ jinqara sew.<br>Id-dehra tal-proġett. |
| **Test ta' preżentazzjoni** | a. It-test tal-preżentazzjoni juri li l-kwistjoni tad-Drittijiet tat-Tfal hija mifhuma sew, u mqiegħda fil-qafas ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem,<br>b. Ix-xogħol huwa l-frott ta' riflessjoni kollettiva,<br>c. It-test ta' preżentazzjoni jixhed g ħarfien ferm tajjeb tal Konvenzjoni.<br>d. It-test tal-preżentazzjoni jirreferi g ħall-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-dritt deskritt. | a. Il-karatteristi ċi ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-universalità tag ħhom, huma msemmija b'mod xieraq.<br>b. Il-fażijiet tax-xogħol huma identifikati, ir-raġunijiet għall-għażla ta' Dritt huma spjegati b'mod ċar,<br>ir-rwol tal-adult referent huwa deskritt b'mod ċar<br>c. It-test u/jew il-poster jagħmlu referenza espliċita għan-Numru tad-Dritt deskritt.<br>L-għażla li saret hija spjegata sew.<br>d. Il-Karta tad-Drittijiet fundamentali jew l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-dritt deskritt huma msemmija kif xieraq. |

## 6, 2 - Programm

<u>**L-ewwel sekwenza**</u>

L-ewwel sekwenza għandha tkun iddedikata għall-iskoperta tas-suġġett, id-dokumenti sorsi u għad-definizzjoni kollettiva minn kull grupp, tal-metodoloġija li sejra tintuża.

**Materjal :**

- Bord tal-karti
- Skeda ta' tweġibiet għall-Kwiżż
- Karti għan-noti,
- "*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal* " u l- "*Karta tad-Drittijiet Fundamentali* " imwaħħla fil-post fejn qed isir ix-xogħol.
- *Video projector* u aċċess għall-broadband Internet

**Dokumenti**

Dokumenti disponibbli għall-Proġezzjoni għall-grupp kollu:

- Il- "*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal* ".
- Id- *"Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*",
- Il- "*Konvenzjoni dwar il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali"* (imsejħa normalment "*Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*"),

Dokumenti disponibbli f'daqstant kopji daqs kemm hemm parteċipanti,

- L-Artikoli 25 u 26 tad- *"Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem"*,
- Il- *"Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal"*,
- Il- *"Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea".*

Kull adult referent għandu jkollu kopja tat-test ta' preżentazzjoni[31] tal-kompetizzjoni ffirmata mill-Kummissarju Ewropew u tal- "kriterji ta' suċċess".

Dokumenti oħrajn utli

Xi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jirrigwardaw il-pajjiż[32]

**Żvolġiment**

1. Organizzazzjoni tal-grupp jew tal-klassi

*Irranġa l-kamra fejn ser isir ix-xogħol b'mod li l-gruppi żgħar ikunu jistgħu jaraw l-iskrin meta jkunu fil-grupp sħiħ*

2. Tul: *sagħtejn*
3. Żvolġiment

<u>Fil-grupp sħiħ</u>

**Introduzzjoni** qasira

Proġezzjoni tal-ewwel " Kwiżż ". Tweġibiet individwali fuq karta.

---

[31] Jista' jitniżżel mis-sit tal-Kompetizzjoni.

[32] Dawn issibhom fl-indirizz li ġej http://www.echr.coe.int/ECHR/FR/Header/Case-Law/HUDOC/HUDOC+database/ (bil-Franċiż) http://www.echr.coe.int/ECHR/EN/Header/Case-Law/Hudoc/Hudoc+database/ (bl-Ingliż).

Diskussjoni.

Fil-grupp ta' ħidma

Jintagħżel segretarju mill-grupp li jieħu nota tal-konklużjonijiet.

Studju fis-silenzju tad- *"**Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem**".*

*"Liema Artikoli jixhdu l-karattru universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*". It-tfal jaslu għall-konklużjoni li huma l-ewwel żewġ Artikoli

Qari tal-Artikolu 29, paragrafi 1 u 2.

It-tfal jaslu għall-konklużjoni li d-dmir prinċipali ta' kull wieħed u waħda minna huwa l-ħarsien tad-drittijiet ta' ħaddieħor.

Infittxu fid-Dikjarazzjoni x'jindika li din id-dikjarazzjoni m'hijiex trattat u li ma torbotx. Qari u kummenti dwar l-aħħar paragrafu tal-preambolu: ħu nota tal-kliem "*'ideal komuni li għandu jintlaħaq*", "*kulħadd(…) jagħmel sforz*", eċċ.

Fil-grupp sħiħ

Diskussjoni u jitniżżlu l-konklużjonijiet ta' din l-ewwel fażi fuq il-bord tal-karti.

Fil-grupp ta' ħidma

L-istess xogħol fuq il- **"*Konvenzjoni dwar is- salvagwardja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet fundamentali*"**

Indika l-progress li sar: dawn huma obbligi li għandhom jiġu rrispettati!

Fil-grupp sħiħ

Diskussjoni u jitniżżlu l-konklużjonijiet fuq il-bord tal-karti.

Proġezzjoni tal-paġna ewlenija tas-sit tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[33]). Speċifika l-kompiti tal-Qorti u saqsi lit-tfal sabiex ifittxu, qabel is-sekwenza li jmiss, kawżi li jikkonċernaw lill-pajjiżhom fil-każistika tal-qorti.

Fil-grupp sħiħ

Diskussjoni u jitniżżlu l-konklużjonijiet ta' din l-ewwel fażi fuq il-bord tal-karti.

Pereżempju:

- **Konvenzjoni hija trattat li jorbot u tirrappreżenta protezzjoni aktar effikaċi minn Dikjarazzjoni**,
- Mill-1950, iċ-ċittadini tal-pajjiżi membri tal-Kunsill tal-Ewropa għandhom id-drittijiet tagħhom protetti minn trattat internazzjonali.

**Proġezzjoni tal-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.***

Iġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan huwa trattat internazzjonali bħall-*Konvenzjoni dwar il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet fundamentali*.

Ħeġġeġ lit-tfal jaqrawha għas-sekwenza li jmiss.

Fil-grupp ta' ħidma

**Il-kompetizzjoni**

Preżentazzjoni tat-test ta' preżentazzjoni tal-kompetizzjoni. Diskussjoni.

---

[33] http://www.echr.coe.int/ECHR/FR/Header/The+Court/Introduction/Information+documents/ (bil-Franċiż) http://www.echr.coe.int/ECHR/EN/Header/The+Court/Introduction/Information+documents/ (bl-Ingliż)

Preżentazzjoni tal- "Kriterji ta' suċċess".

Il-grupp jagħżel "segretarju" u t-tfal **jiddeċiedu flimkien** l-aħjar **l-istrateġija** sabiex:

- Jagħżlu s-suġġett,
- Isibu l-aħjar tpinġija possibbli.

Tqassim tax-xogħol ta' riċerka li għandu jsir qabel is-sekwenza li jmiss: eżempji ta' sitwazzjonijiet konkreti li jikkonċernaw id-Drittijiet tat-Tfal misjuba fil-midja differenti.

Informa lill-grupp li l-għażla tas-suġġett tal-Poster sejra ssir waqt it-tielet sekwenza.

Is- "segretarju" jaqra n-noti li jkun ħa.

**It-tieni sekwenza**

1. Tul: *sagħtejn*
2. Żvolġiment

Waqt il-fażi kollha li ġejja ipprojetta l-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal*[34].

Fil-grupp ta' ħidma

Qari tan-noti meħuda waqt l-ewwel sekwenza u nomina ta' segretarju ġdid.

Erġa' rreferi għad- "*Dikjarazzjoni universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*": qari fil-fond tal-Artikoli 25 u 26.

Tinġibed linja taħt il-kunċett ta' *protezzjoni speċjali* li jidher fl-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni.

Qari fis-silenzju tal-*Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.*

Kull parteċipant jikteb noti dwar il-ħames Artikoli li l-aktar laqtuh.

Diskussjoni,

Diskussjoni dwar id-definizzjoni ta' tfal (Artikolu 1).

Il-grupp jistabbilixxi tipoloġija tad-Drittijiet garantiti[35].

Kull parteċipant jikteb noti, għal kull Artikolu, jekk iħossux ikkonċernat personalment, jekk jafx b'xi tfal jew żgħażagħ oħrajn ikkonċernati jew jekk semax fuq il-midja dwar xi ksur tad-drittijiet rikonoxxuti fil-Konvenzjoni.

Diskussjoni tat-tweġibiet klassifikati skont it-tipoloġija elaborata qabel.

Tqassim tal- *"Karta tad-Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*. Speċifika l-istatut tagħha.

Qari b'leħen għoli tal-Artikolu 24.

Diskussjoni u elaborazzjoni tal-konklużjonijiet:

Fil-grupp sħiħ

Diskussjoni u jitniżżlu l-konklużjonijiet fuq il-bord tal-karti

Fil-grupp ta' ħidma

Is- "segretarju" jaqra n-noti tiegħu. Il-grupp jikkonfermahom.

Għas-sekwenza li jmiss: it-tfal ifittxu eżempji konkreti ta' ksur tad-drittijiet tal-adolexxenti.

---

[34] Il-qari b'leħen għoli tal-54 Artikolu jkun ideali iżda jieħu wisq ħin.

[35] Cf. supra is-sitwazzjoni tal-problema u s-sit tal-UNICEF li jipproponi metodi ta' analiżi eżatti.

**It-tielet sekwenza**

1. Tul: *sagħtejn*
2. Żvolġiment

Fil-grupp ta' ħidma

Qari tan-noti meħuda waqt iż-żewġ sekwenzi ta' qabel.

Nomina ta' segretarju ġdid.

Mill-artikli tal-istampa u mid-dokumenti li nstabu, kull grupp jistabbilixxi lista eżatta ta' sitwazzjonijiet konkreti fejn dritt, ma jkunx irrispettat,

Huma jistabbilixxu wkoll lista ta' sitwazzjonijiet konkreti fejn ġew irrispettati.

Kull grupp imbagħad jagħżel mod kif jippreżenta waħda mis-sitwazzjonijiet konkreti lill-grupp sħiħ (*role play*, wirja ta' stampi, storja mimata, eċċ.)

Fil-grupp sħiħ

Kull grupp ta' ħidma jippreżenta x-xogħol li għamel, jispjega r-raġunijiet wara l-għażliet tiegħu u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-gruppi l-oħrajn.

Sintesi kollettiva.

Fil-grupp ta' ħidma

Analiżi tal-preżentazzjonijiet differenti. Klassifikazzjoni skont l-Artikoli tal-Konvenzjoni.

Fil-grupp sħiħ

Diskussjoni.

Proġezzjoni tat-tieni Kwiżż .Tweġibiet individwali fuq il-karta.

Diskussjoni.

Fil-grupp ta' ħidma

Qari tal- "kriterji ta' suċċess" u tan-noti tas- "segretarju".

*"Liema dritt nixtiequ npinġu? Kif? Għalfejn?"*

Ir-raba' membru tal-grupp jieħu nota tat-tweġibiet ta' ħaddieħor.

- Sintesi u għażla ta' suġġett, (importanti tiżguraw li l-poster jista' jsir).
- Kitba kollettiva tal-argument (mill-inqas ħames linji).
- Kitba u ffurmar tal-ippjanar tal-kompiti li għandhom isiru biex jinħadem il-poster, u tqassim tal-kompiti fost il-membri tal-grupp.

**Ir-raba' sekwenza**

1. Tul: *sagħtejn*
2. Żvolġiment

Fil-grupp ta' ħidma

Qari tal-konklużjonijiet tas-sekwenza ta' qabel.

Ikompli l-ippjanar u verifika tal-kompiti li kellu kull wieħed.

Jinħadem il-poster.

Kitba tat-test ta' preżentazzjoni.

Fil-grupp sħiħ

Wirja tal-posters.

Kull grupp jippreżenta r-riżultat tal-ħidma tiegħu billi jaqra t-test ta' preżentazzjoni li ħejja.

Diskussjoni ġenerali.

Fil-grupp ta' ħidma

Kull grupp jagħmel xi korrezzjonijiet possibbli fit-test ta' preżentazzjoni.